# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX) INFERJURI

## MAĠISTRAT DOTTOR PAUL COPPINI LL.D.

**Avviż Numru: 2/2018 PC**

**Bruma Limited**

**vs**

**Segretarju Permanenti,**
**Ministeru għal Għawdex**

***sentenza in parte***

## Illum l-Erbgħa, 10 ta' Ottubru 2018

Il-Qorti,

Rat l-Avviż li permezz tiegħu, s-soċjeta' attriċi wara li ppremettiet:

Illi hija giet inkarigata mill-intimat sabiex twettaq xogħol ta' konsulenza skont kuntratt ta' servizzi ffirmat fit-2 ta' Marzu 2017, u dan għal perijodu ta' sena b'effett mill-1 ta' Marzu 2017, versu l-kumpens pattwit ta' ħdax-il elf u seba' mitt euro (€11,700) eskluża l-VAT;

Illi permezz ta' ittra datata 24 ta' Lulju 2017, l-intimat informa lill-esponenti li dak il-kuntratt kien qed jiġi tterminat b'effett immedjat;

Illi din it-terminazzjoni saret mingħajr ebda raġuni valida fil-liġi, u għalhekk huwa dovut lill-esponenti kumpens li għandu jiġi stabbilit fit-termini tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili;

Illi għalkemm ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni ta' ħlas ta' dan l-ammont permezz ta' ittra uffiċċjali nru. 523/2017, il-konvenut baqa' inadempjenti; anzi kkontesta t-talba tal-esponenti.

Talbet lill-konvenut jgħid għaliex:

1. M'għandhix din il-Qorti tiddikjara li t-terminazzjoni unilaterlai da parti tiegħek tal-kuntratt ta' provvista ta' servizzi ffirmat bejn il-Ministeru għal Għawdex u l-attrici fit-2 ta' Marzu 2017, saret mingħajr ebda ġustifikazzjoni;

2. Konsegwentement tiddikjara li huwa dovut lill-attriċi kumpens li għandu jiġi likwidat u kkalkolat fit-termini tal-artikolu 1640 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tillikwida l-ammont dovut lill-attriċi;

4. Tikkundannak tħallas dan il-kumpens flimkien mal-imgħaxijiet ikkalkolati bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'effett mid-data tan-notifika lilek tal-ittra uffiċċjali numru 523/2017, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni, li għaliha minn issa msejjaħ.

Bl-ispejjeż inklużi tal-ittra uffiċċjali nru. 523/2017, kontra tiegħek.

Għall-finijiet ta' kompentenza, l-attrċi tiddikjara li s-somma li hija tqis li għandha tħallas lilha ma teċċedix il-ħamest elef euro (€5,000).

Rat ir-Risposta tal-konvenut li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi in linea preliminari din il-Qorti hija nkompetenti li tieħu konjizzjoni ta' din il-kawża '*ratione materiae*'. Dan peress li din l-Onorabbli Qorti ma għandhiex kompetenza sabiex tiddeċidi dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg in kwistjoni sarx ġustament jew le u dwar l-allegat kumpens li hu dovut lis-soċjeta' rikorrenti, stante li l-unika Tribunal skont il-liġi tal-pajjiż li hu ntitilat li jaqta' kwistjonjiet dwar kumpens jew ħlas wara t-terminazzjoni, u l-mertu u l-leġittima' ta' l-istess terminazzjoni, huwa biss it-Tribunal Industrijali;

2. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponenti jirrespinġi kull allegazzjoni kif vantata mis-soċjeta' rikorrenti bħala nfondata fil-fatt u fid-dritt;

3. Illi t-terminazzjoni tal-impjieg tas-soċjeta' rikorrenti saret skont il-liġi, a bażi tal-ftehim li ġie ffirmat bejn il-partijiet fit-2 ta' Marzu 2017, u għalhekk mhux dovut l-ebda kumpens u/jew imgħaxijiet lill-isetss soċjeta';

4. Illi nfatti t-terminazzjoni tal-ftehim saret a bażi tal-klawsola numru 5 tal-ftehim stante li l-oġġettivi stipulati fil-klawsola numru 4 tal-ftehim ma ġewx miksuba mis-soċjeta' rikorrenti u għalhekk ix-xogħol tas-soċjeta' rikorrenti ma kienx wieħed sodisfaċjenti;

5. Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq premess u oħrajn li jistgħu jinġiebu fil-*mori* ta' dan ir-rikors, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiċħad it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti fl-intier tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.

Bl-ispejjeż inkluż tal-ittra uffiċċjali numru 536/2017 kontra s-soċjeta' rikorrenti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Mejju 2018 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni preliminari tan-nuqqas ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Rat in-Noti ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar din l-eċċezzjoni.

Rat ukoll id-dokument anness mal-Avviż.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża s-soċjeta' attriċi qed titlob kumpens għat-terminazzjoni qabel il-waqt u allegatament inġusta ta' kuntratt ta' servizz mogħti lilha mill-konvenut. Preliminarjament il-konvenut eċċepixxa l-inkompetenza ta' din il-Qorti *ratione materie*, għax jikkontendi li din il-kawża messa saret quddiem it-Tribunal Industrijali. In sostenn ta' dan huwa jiċċita l-artikolu 75(1) (a) u (2) tal-Kap. 452, l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, li jisptiulaw li:

"(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –

(a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u....

(2) Meta jiġi allegat li ħaddiem ikun tkeċċa b'mod inġust minn prinċipal, jew fejn jiġi allegat li kien hemm ksur ta' xi dmir li joriġina minn xi ħaġa li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali taħt it-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' xi regolament preskritt taħtu, il-każ għandu jintbagħat lit-Tribunal għad-deċiżjoni tiegħu fuq talba bil-miktub għal hekk magħmula mill-ħaddiem li jallega l-ksur jew minn xi persuna oħra f'isem u għal dak il-ħaddiem."

Is-soċjeta' attriċi da parti tagħha, tikkontendi illi hija ma taqax taħt id-definizzjoni ta' impjegat/ħaddiem kif imfisser f'din il-liġi, li għalhekk ma tapplikax għaliha. Infatti l-artikolu 2 ta' dan l-Att jistipula li:

""impjegat" tfisser persuna li tkun għamlet jew taħdem taħt kuntratt ta' servizz jew li tkun intrabtet personalment li tagħmel xi xogħol jew ħidma għal ħaddieħor, u taħt id-

direzzjon u l-kontroll immedjat ta' persuna oħra, u tinkludi ħaddiem ta' barra, iżda t**eskludi xogħol jew servizz mogħti fi sfond professjonali** jew bħala kuntrattur għal persuna oħra meta dak ix-xogħol jew servizz ma jkunx regolat minn kuntratt ta' servizz speċifiku."

Imbagħad insibu li:

""ħaddiem" għandha l-istess tifsira bħal "impjegat" iżda għall-finijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, "ħaddiem" tfisser impjegat li jaħdem jew li soltu jaħdem jew li jkun qed ifittex xogħol -

(a) taħt kuntratt ta' impieg; jew

(b) taħt xi kuntratt (sew imfisser jew mifhum u, jekk imfisser, sew verbali jew bil-miktub) li bih jintrabat li jagħmel jew jaqdi **personalment** kull xogħol jew servizzi għal parti oħra fil-kuntratt **li ma tkunx klijent professjonali tiegħu**; jew

(c) f'impieg taħt jew għall-finijiet ta' xi dipartiment tal-Gvern, barra minn bħala membru ta' forza dixxiplinata, safejn kull impieg bħal dak ma jkunx jaqa' taħt il-paragrafu (a) jew (b), u dwar tilwima ta' xogħol li fiha prinċipal ikun parti, "ħaddiem" tinkludi kull ħaddiem ukoll jekk ma jkunx impjegat minn dak il-prinċipal."

Mill-kopja tal-kuntratt tat-2 ta' Marzu 2017, annessa mal-Avviż, naraw li s-soċjeta' attriċi kienet intrabtet li tagħti servizz ta' konsulenza lill-Ministeru għal Għawdex fuq perijodu ta' tnejn u ħamsin (52) ġimgħa in konnessjoni mat-turiżmu u attivitajiet kulturali.[1] Konsulenza normalment tingħata lil xi ħadd li jkollu ċerta *expertise* fil-professjoni tiegħu, f'dan il-każ it-turiżmu u l-kultura, u għalhekk il-konsulenza in kwistjoni ma tistax ma titqiesx ħlief bħala servizz mogħti fi sfond professjoniali, kif imfisser fid-definizzjoni ta' "impjegat" ċċitata hawn fuq.

Hekk ukoll l-istess definizzjoni, kif ukoll dik ta' 'ħaddiem', jirrikjedu li l-impieg ikun irid jingħata personalment. Hawnhekk għandna kumpanija, li għalkemm għandha personalita' ġuridika distinta, qatt ma tista' tagħti servizz personalment, imma biss permezz ta' terzi li jistgħu jkunu wkoll l-impjegati tagħha. Dan wara kollox huwa rikonoxxut fil-kuntratt *de quo*.[2]

Għalhekk, billi ma jirriżultax li entita' morali li toffri servizzi ta' konsulenza, bħal ma hi l-attriċi f'din il-kawża, taqa' taħt id-definizzjoni ta' impjegat/ħaddiem kif imfissra fil-Kap. 452, mhux il-każ li din it-talba presenti għall-kumpens kellha tiġi ntavolata quddiem it-Tribunal Industirjali. Ma rridux ninsew illi, wara kollox, hija l-kompetenza

[1] Ara din il-kopja a fol. 2 - 3 tal-proċess
[2] Ara l-ewwel klawsola tal-kuntratt

tal-Qrati ordinarji li tikkostitwixxi r-regola, u dik ta' tribunali jew bordijiet oħra li jistgħu ikunu mwaqqfa bil-liġi, hija l-eċċezzjoni.

Għaldaqstant, tiddecidi billi filwaqt illi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut, tiddikjara ruħha kompetenti biex tkompli tisma' din il-kawża u tħalliha għall-kontinwazzjoni.

L-ispejjeż jibqgħu riservati.

(ft) Paul Coppini
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur

10.10.2018 – Avv2.2018 – Bruma Limited vs Segretarju Permanenti Ministeru għal Ghawdex
1166